# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 27**

**Avviz numru 38/00/SM**

**Laurence De Raffaele**

**vs**

**Raymond u Anna konjugi Callus**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-attur dak l-ammont likwidat bhala dannu minnhom kkawzat fil-appartament tal-attur, numru 3, fil-fond li jgib in-numru 118, fi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gveratur, liema fond, dan l-ahhar huma kienu qed jiddetjenu minghajr titolu wara lil kien skada t-terminu ta' cens temporanju taghom fuq l-istess fond, kif**

**ukoll li jhallsu lill-attur is-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00,0) kumpens lilu dovut tal-okkupazzjoni minnhom tal-istess fond minghajr ebda titolu fil-ligi. Jigi dikjarat ghall-fini tal-kompetenza li l-ammont globali ma jeccedix is-somma ta' elf lira Maltin, (LM1000.00,0);**

**2. Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Ottubru 1998, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat z-17 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma nfondati u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi ma hemm ebda indikazzjoni cara ta' fejn allegatament gew kkagunati l-hsarat;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma wkoll infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt ghaliex mhuwiex minnu illi l-konvenuti kkagunaw xi danni fl-appartament tal-attur imsemmi fl-avviz ippresentat mill-attur;**

**3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li qieghed jinghad hawn fuq il-konvenuti ma ghandhomx x'jaghtu lill-atturi peress illi huma diga hallsu l-kera dovuta u rritornaw ic-cavetta tal-fond bi ftehim ma' l-attur;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluza n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur u n-nota responsiva tal-konvenuti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur proprjetarju tal-fond numru 3, 118, Triq il-Palazz Antik tal-Gvernatur, il-Birgu liema fond ghamel zmien moghti b'cens lill-konvenuti;**

2. **Illi l-attur jallega li l-konvenuti ghamlu hsara fil-post fuq indikat ammontanti ghall-sitt mija u tmenin Lira Maltin, (Lm680.00,0);**

3. **Illi da parti taghhom il-konvenuti jallegaw li huma mhux talli m'ghamlux hsarat fil-fond de quo talli hallew ahjar milli sabuh billi rrangew l-elettriku, wahhlu l-madum u ghamlu gallarija gdida;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi allegazzjoni trid tigi ppruvata, haga li l-attur abbundantement naqas li jghamel stante li la gie pprezentat inventarju u stante li jirrizulta li l-istess attur ma dahalx fil-fond de quo biex jikkonstata l-affarijiet qabel ma' l-konvenuti xtraw il-perjodu tac-cens rimanenti mic-censwalist precedenti ghalihom;**

**Illi zgur li t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti fuq bazi ta' semplici allegazzjoni;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti in vista tal-premess tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**